# 50 Sena mit-Twaqqif tal-Kor Pax Christi (1963-2013)

Il-Kor *Pax Christi* beda' jkanta sewwasew fid-29 ta' Ġunju, 1963, dakinhar li tqiegħdet l-ewwel ġebla tas-Sala Parrokkjali. Il-membri xebbiet u ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa kienu kantaw tlett innijiet mal-Banda tas-Sależjani u minn hemm nibtet l-ideja li jsir kor biex ikanta fil-festa ta' San Bert tal-istess sena, sewwasew lejlet il-festa. Il-Kor qabad il-mixja tiegħu.

Beda' jkanta fil-festi tal-parroċċa, bħall-Milied, il-Ġimgħa l-Kbira, *Corpus* u l-Qalb ta' Ġesu'. Il-programm ta' lejlet il-festa sar tradizzjonali. Imbagħad żdiedu s-servizzi anke barra mir-raħal bħall-Birgu, Birkirkara, Gudja, Bormla, Balzan, Attard, Rabat, Lija, Mellieħa, Mġarr, Naxxar, Qrendi, San Pawl il-Baħar, Sliema, Floriana, Ħamrun, Tarxien, Zebbuġ, Siġġiewi, Ħal Kirkop, Gżira, Valletta, Mosta, Balluta, Gudja, Għasri, Sptar San Luqa, Msida, Sptar Mater Dei, Radju u Televiżjoni. Kantajna wkoll f'tiġijiet, funerali, Jum il-Għargħur, għeluq il-mitt sena nar, 25 sena tal-Każin tal-Banda San Bert u tant u tant okkażjonijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien.



*Il-Kor fl-1963*

Kien sforz u sagrifiċċju kbir li għamlu l-membri u l-ex-membri li mal-medda tas-snin jgħoddu l-mijiet. Pero' kien sforz akbar tal-ex-Direttur tal-Kor, il-mibki Dun Karm Bezzina, li mar jiltaqa' mal-Mulej proprju fil-21 t'Awwissu, 2012. Kien ilu Direttur tal-Kor għal 45 sena sħaħ, sewwasew sa Diċembru 2008 sakemm saħħtu ppermettiet. Ħalla wirt kbir ta' mużika li għadha tindaqq mhux biss fil-parroċċa, imma anke fil-knejjes u l-baned madwar Malta. Baqa' sal-aħħar jikteb, jadatta l-mużika u jgħinna f'dak kollu li kellna bżonn, *senza interessi*. Beda mix-xejn imma ma ħarisx lura: bniedem li r-raħal tagħna tilef ħafna minnu. Ma nistax ma nsemmix ukoll l-organista tal-Kor, is-Sinjura Carmen Grech u l-membri kollha, li b'tant sagrifiċċju ġimgħa wara ġimgħa niltaqgħu biex nippreparaw għal dak li jkun imiss.

Ma rridx ninsa l-inkoraġġiment u l-għajnuna li tawna l-Kappillani kollha li kellna, kif ukoll il-kleru tal-parroċċa, il-ħafna surmastrijiet li kantajna magħhom u diversi nies oħra Għargħurin u mhumiex, li qalulna kliem ta' apprezzament u nkoraġġiment biex wasalna fejn wasalna llum.

Nieħu din l-okkażjoni biex fit-tieni jum tat-Tridu tiġu tifirħu magħna fil-Knisja Parrokkjali biex infakkru l-50 sena tagħna flimkien. Mhux se joħorġu nviti għax hi xi ħaġa mpossibbli imma minn hawn nixtieq nistieden lill-Kappillani li kellna mal-medda tas-snin li għadhom ħajjin, kleru, membri u eks-membri tal-istess kor, l-għaqdiet kollha tal-Parroċċa soċjali u reliġjużi u l-Poplu Għargħuri kollu bla ebda distinzjoni, li żgur xi darba jew oħra b'xi mod kellu bżonn is-servizz tagħna.

Jien id-Direttriċi tal-Kor inwiegħed li minn qalbi nagħmel dak kollu li nista' biex il-wirt li ħalla z-ziju Dun Karm jibqa' jitgawda għall-glorja tal-Mulej kif dejjem xtaq hu. Grazzi Zi, għax permezz tat-talenti tiegħek għamilt ħafna nies oħra ferħana.

ANNA VELLA - DIRETTRIĊI

